# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar il-29 ta' Novembru, 2023

Avviz tat-Talba numru: 161/2023 CL

**Complex Co Ltd (C61722) bhala Amministratur ta' 183, Rudolph Street Owners' Association (Numru 0025)**

**VERSUS**

**Fiorentina Darmenia - Jochimsen**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba pprezentat nhar l-5 ta' Mejju 2023 fejn is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenuta li hija propjetarja tal-appartament numru 2, 183, Rudolph Street, Sliema thallas is-somma ta' elf erba' mija u erbgha euro u wiehed u ghoxrin centezmu (€1,404.21) inkwantu €1,301.78 bhala sehemha mill-kontrubizzjonijiet ghall-ispejjez ta' manutensjoni u spejjez ohra kondominjali tal-imsemmi blokk ghal-perjodu bejn is-sena 2019 u s-sena 2022 u inkwantu €102.43 rapprezentanti spejjez tal-ittra ufficjali datat 22 ta' Marzu 2022. Ghalkemm il-konvenuta giet interpellata sabiex thallas, hija baqghet inadempjenti u ghandha tigi ikkundanata is-somma ta' €1,404,21, bl-imghax legali mill-iskadenza rispettiva sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez kollha inkluz dawk tal-mandat tas-sekwestru prezentat kontestwalment.

Fil-kaz prezenti, l-konvenuta giet debitament notifikata bl-atti processwali. Minkejja tali notifika, il-konvenuta la resqet risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma dehret hi, jew xi rapprezentant legali taghha ghas-seduta li kienet tmiss wara tali notifika u ghalhekk il-konvenuta, kienet fi stat ta' kontumacja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif gie iddikjarat fil-verball fl-udjenza tal-25 ta' Ottubru, 2023. Fl-istess udjenza, gie ipprezentant kapitolu fil-konfront tal-konvenuta. Fis- seduta ta' wara, li kienet fis-6 ta' Novembru 2023, ma deher hadd ghal-konvenuta.

Ikkunsidra;

Ra l-atti processwali kollha u d-dokumenti ipprezentati.

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is- smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d- disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis."

Madanakollu kif in huwa ben risaput, dan il-fatt ma jistax jiġi ekwiparat bħala ammissjoni, u għalhekk it-Tribunal huwa xorta mitlub jevalwa l-provi kollha prodotti.It-Tribunal ra' d-dokumenti u li l-konvenuta naqset milli tirregistra dehera biex twiegeb ghal tali kapitolu, fid- dawl ta' tali omissjoni, l-istess kien jisthoqqlu jigi emmnut. Ghalhekk dan ghandu jittiehed bhala mistqarr u l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u konsegwentement jikkundanna lil-konvenuta thallas is-somma ta' elf erba' mija u erbgha euro u wiehed u ghoxrin centezmu (€1,404.21) bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena mit-22 ta' Marzu 2022, sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri jithalsu mill-konvenuta.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**
**GUDIKATUR**